MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tad-29 ta' Frar, 2012

Citazzjoni Numru. 447/2010

Kawza fil-lista: 18

**N V**
**vs**
**H K f' isimha proprju,**
**u ghan-nom u fl-interess tal-minuri X K u S K;**
**u d-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat li permezz tieghu l-attur ippremetta: li minn relazzjoni li l-konvenuta K kellha mieghu, hija weldet zewg t'itfal, S u X, ahwa K, li twieldu rispettivament fil-31 ta' Jannar 2001 u fis-7 ta' Mejju 2003; li, ghalkemm l-attur huwa l-missier naturali ta' dawn iz-zewg t'itfal, dawn jinsabu registrati fuq l-att tat-twelid taghhom taht "father unkown"; ghaldaqstant l-attur qed jitlob li din il-Qorti: [1] tiddikjara illi l-attur huwa l-missier

bijologiku tal-minuri S K u X K u wlied l-attur N V; [2] tordna lill-konvenut u cioe' lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jeffettwa l-korrezzjonijiet kollha necessarji w opportuni fl-Att tat-Twelid tal-imsemmija S K u X K li jgibu n-numru progressiv ta' registrazzjoni 713/2001 u 1699/2003 u jaghmel dawk l-annotamenti necessarji fl-istess Att tat-Twelid sabiex fil-parti fejn tindika "father unknown" tigi mibdula sabiex tinqara bl-isem tal-attur u cioe' N V, kif ukoll jigu nkluzi l-konnotati tal-attur fuq l-imsemmi att fil-parti fejn taqra: "taghrif dwar isem u kunjom missier it-tarbija", "professjoni, sengha jew stat iehor", "eta", "fejn twieled", "fejn joqghod", u "isem u kunjom il-missier u jekk hux haj jew mejjet" u kull dettal iehor li tordna din l-Onorabbli Qorti.  Bl-ispejjez kontra l-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat ir-risposti tad-Direttur tar-Registru Pubbliku a fols.13 u 22 tal-process;

Rat ir-risposta tal-konvenuta H K li biha kkonfemrat li "l-minuri dejjem trabbew bl-gharfien illi l-attur huwa l-missier naturali taghhom;  izda ssostni li m'ghandhiex tbati spejjez, stante li ma kienitx saret il-procedura kontemplata fl-artikolu 86 tal-Kap.16;

Rat ir-rapporti xjentifici tad-DNA, mahlufa mill-awturi tieghu, l-Analista Christopher Farrugia u l-Ispizjara Dottoressa Marisa Cassar;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attur qed jitlob dikjarazzjoni gudizzjali fis-sens li l-imsemmija minuri huma l-wild naturali tieghu; u wkoll sabiex issir il-korrezzjoni konsegwenjzali fl-att tat-twelid taghhom.

Illi mill-provi jirrizulta sodisfacentement provat li l-konvenuta H K kellha relazzjoni esklussiva mal-attur, u minn din ir-relazzjoni twieldu z-zewg t'itfal fuq indikati.

Illi r-rapporti xjentifici jikkorroboraw din it-tezi.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hi tal-fehema li t-talbiet attrici huma gustifikati fil-fatt u fid-dritt u jimmeritaw li jigu milqugha.

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi tilqa' t-talbiet attrici, u tiddikjara li t-tfal S u X, ahwa K li twieldu mill-konvenuta H K fil-31 ta' Jannar 2001 u fis-7 ta' Mejju 2003, rispettivament, huma l-ulied naturali tal-attur N V; u tordna l-konsegwenzjali korrezzjonijiet fl-atti tat-twelid taghhom fit-termini tat-tieni talba.

Spejjez a kariku ta' l-attur.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------